


# Mro Joseph M. Bilocca 1914 - 2014

## 'Mitt Sena Minn Twelidu'



Surmast li jibqa' msemmi fl-istorja tal-Banda Marija Assunta, Gudja, huwa bla dubju ta' xejn is-Surmast Joseph M. Bilocca. Dan is-Sumast kien ilu fit-tmun tal-banda għal aktar minn erbgħin sena, u għalhekk tajjeb li nfakkru lil dan is-Surmast f'għeluq il-100 sena minn twelidu.

Is-Surmast Bilocca kien surmast attiv u dedikat għas-Soċjetà Mużikali Maria Assunta tal-Gudja, li fi żmienu kienet magħrufa bħala, 'Our Lady of Consolation Band.' Dan jistgħu jixduh l-allievi u l-bandisti tal-post li kienu jsibuh dejjem lest li jkompli jgħallem il-mużika, anki barra mill-ħin tiegħu u disponibbli l-ħin kollu fejn ikun hemm bżonn. Fi żmienu kienet twaqqfet il-Kummissjoni Banda u bdiet issir il-preżentazzjoni tal-istrumenti lill-allievi ġodda fil-preżenza tal-ġenituri tagħhom. Kienu żdiedu is-servizzi tal-banda barra mir-raħal, saħansitra f'Għawdex. Min jaf kemm ħarġu bandisti minn taħt idejh.

Is-Surmast Bilocca jibqa' mfakkar għas-sempliċità tiegħu u għall-imħabba li kellu lejn il-qasam mużikali, li għalih kull soċjetà mużikali li kien fiha, kienet qisha t-tieni familja tiegħu. Kemm dam Surmast tagħna kienet ħarġet iddoqq mal-banda l-ewwel tfajla bandista fil-Gudja, Lina Schembri.

Dawn t'hawn taħt huma ftit mill-ħafna bandisti li rnexxielna ninterivistaw sabiex ifakkruna ftit min kien eżatt is-Surmast Bilocca.

ooooooo

**Omar – Trumbetta**

Jien niftakar lis-Surmast Bilocca bħala wieħed li kien jemmen ħafna fija. Kien jarani l-każin ma' Finu u Grezzju, u kien dejjem jitfagħli xi botta sabiex nibda nitgħallem indoqq. Biex inkun sinċier kont bdejt u waqaft xi 3 darbiet. Ridt nitgħallem il-kurunetta, u ġara, li darba għajjatli u qalli li kont għadni żgħir għall-kurunetta u qalli biex nibda bil-kornu mbagħed naqleb għall-kurunetta. Hekk għamilt u kien eżatt 26 sena ilu li ħriġt indoqq bis-saħħa tiegħu, u għadni attiv sal-lum fil-banda.

Ma kienx ifallielna lezzjoni waħda, kien ikollna darbtejn fil-ġimgħa, saħansitra ġieli anki l-Ħadd kien jagħmlilna lezzjoni. Ċajta żgħira li niftakar, kienet li ġurnata minnhom, kien hemm l-allievi kollha jarawni waqt il-lezzjoni, u kien wasal il-mument li nibda l-aspetti. Kull aspett kien jgħajjat 'UM' u jien bil-kornu suppost kont nagħmel il-'PAQ'. Ġara, li malli kien jgħid hu l-'UM' l-allievi kollha bdew jinfexxu jidħqu. Tista' timmaġina lis-Surmast Bilocca, filli dik is-serjetà kollha, filli spiċċa jidħaq magħna. Kien mument ħelu li ma ninsieh qatt.

Minn hawn ngħidlu grazzi talli żera' ż-żerriegħa tal-imħabba għall-mużika ġewwa fija, għax illum qiegħed nara l-frott u dan jien issa għaddejtu lil uliedi li wkoll bdew idoqqu.

ooooooo

**Jos. N. Farrugia - Klarinett**

**Mitlub jagħti l-esperjenzi tiegħu dwar is-Surmast Joseph M. Bilocca, qal hekk:-**

Is-surmast Joseph M. Bilocca twieled iż-Żurrieq fl-1914, u miet il-Gudja fl-1992. Kien is-Surmast tal-Banda Our Lady of Consolation (Illum Banda Marija Assunta) mis-sena 1950 sas-sena 1992.

Fis-sena 1950, il-Banda tagħna kellha bżonn Surmast, u f'Laqgħa tal-Bandisti għall-ħatra ta' Surmast għall-Banda, Mro. J. Bilocca kien l-aktar wieħed li rieduh il-bandisti. Għalhekk nhar il-Ħadd 10 ta' Settembru, 1950, nhar il-festa tal-Madonna taċ-Ċintura, jien, bħala Segretarju ta' din l-Għaqda, kont fil-parapett tal-każin biex nilqa' lis-Surmast il-ġdid, u nwasslu sal-kamra tal-Kumitat, fejn il-Kumitat kien qed jiltaqa' biex joffrulu l-post ta' Surmast mal-Banda tagħna, kariga li s-Surmast Bilocca aċċetta bil-ferħa. Il-Ġimgħa 15 ta' Settembru, 1950, is-Surmast ġie l-każin biex jiltaqa' mal-bandisti, u għaxart ijiem biss wara, nhar it-Tnejn 25 tax-xahar, sar l-ewwel kunċert li beda bid-daqq tal-Marċ San Ċirillu tas-Surmast innifsu. Is-Surmast Bilocca ġie ppreżentat lill-poplu tal-Gudja, nhar il-Ħadd 10 ta' Diċembru, fi programm li sar għall-okkażjoni.

Matul it-42 sena li għamel bħala Surmast tal-banda tagħna, daqqejna ħafna biċċiet ta' mużika differenti. Konna nagħmlu kunċert fil-ġimgħa, u ġieli tnejn, dejjem skont il-bżonn. F'Ġunju tal-1956 morna ndoqqu l-ewwel darba fil-








Belt Valletta għall-okkażjoni tat-tlugħ tal-Lotterija Nazzjonali, u maġenb il-banda tagħna kienet qed tagħmel programm ukoll il-Banda King's Own tal-Belt. Meta ż-żewġ baned spiċċaw il-programm tagħhom, is-Surmast Joseph Casapinta, li kien qed imexxi l-Banda King's Own, ġie jifraħ lis-Surmast Bilocca u l-banda tagħna għall-programm mużikali li daqqejna.

Jien, bħala Segretarju tal-Għaqda, u anke bħala Assistent tiegħu fil-banda għal kważi l-42 sena li għamel mal-banda tagħna, kelli relazzjoni tajba ħafna miegħu, għax konna qisna żewġ aħwa. Bħala apprezzament, wara l-mewt tiegħu, iddedikajtlu wieħed mill-Marċi Funebri tiegħi bl-isem Tislima lis-Surmast Joseph M. Bilocca.

oooooooo

**Jimmy Abela – Baxx**

Jien niftakar lis-Surmast Bilocca minn mindu kont żgħir. Kont niffrekwenta l-każin u kull darba li kien jarani kien iħajjarni għall-banda. Ġara, li hu flimkien ma' Finu kienu għallmuni ndoqq il-baxx. Kien Surmast dħuli ħafna, kien serju fuq xogħlu u fitt fuq il-mużika. Kien joqgħod attent ħafna xi jkun ser idoqq, għax jekk il-mużika ma kenitx tkun addattata għall-banda li jkollu, ma kienx idoqqha. Kien jagħmlilna żewġ kunċerti fil-ġimgħa dak iż-żmien, u kien ukoll iġegħilna mmorru għal-lezzjonijiet ta' spiss. Jien niftakar meta ħriġt indoqq l-ewwel darba. Kien f'Ħadd Lazzru, u tista' timmaġina kemm kont eċitat. Is-Surmast kien ġie fuqi u qalli "Tibżax agħmel kuraġġ, aqra n-noti li għandek u l-bqija ħares lejja ħalli immexxiek jien". U hekk ġara, għamel programm sħiħ moħħu fija.

Niftakar ukoll kemm kien eċitat meta għamilna l-ewwel recording tal-banda. Kien kuntent ħafna peress li konna ilna nagħmlu kunċerti għalih, saħansitra qabel kull recording konna nerġgħu ndoqqu l-marċ sħiħ sabiex ikun ċert mija fil-mija.

Grazzi għalih u għal Ġużeppi kellna banda armata kważi kollha tal-post, kellna ħafna servizzi barra mir-raħal, u kien dejjem minn ta' quddiem sabiex jara li l-bandisti tal-post jimxu 'l quddiem.

oooooooo

**Savio Cassar - Baxx**

Lis-Surmast Bilocca niftakru jiġi fis-sajf wara nofsinhar biex jagħtina l-lezzjoni. Aħna konna nkunu ilna minn filgħodu nilagħbu fil-każin. Mur ara x'moħħ il-lezzjoni kien ikollna, imma hu, bil-paċenzja kollha kien jagħtina l-lezzjoni wieħed wieħed.

Però l-aktar memorja sabiħa tiegħu li għandi hi, meta darba għidtlu "Mast jien nixtieq nibdel l-istrument, minn kurunetta mmur għall-baxx. Kif għaddiet taċ-Ċintura mill-ewwel ġimgħa ta' Settembru, bdejna l-lezzjonijiet sal-Kunċizzjoni, meta ħariġni bil-baxx u morna ndoqqu Bormla. Hu għamel it-triq kollha jimxi miegħi. Veru ħa pjaċir dakinhar.

Is-Surmast Bilocca, għalkemm m'għadux magħna, ħalla wirt kbir fuq il-banda, bħall-Innu taċ-Ċintura, u l-allievi li għallem hu għadna l-pilastri tal-Banda tagħna.

oooooooo



